SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

26 ta' Marzu 2026*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trade marks – Direttiva 2008/95/KE – Artikolu 3(1)(g) – Raġunijiet għal rifjut ta' reġistrazzjoni jew dikjarazzjoni ta' invalidità ta' trade mark – Trade mark ta' natura li tqarraq bil-pubbliku – Oġġetti tal-ġilda ta' lussu – Trade mark li tinkludi numru pperċepit mill-pubbliku rilevanti bħala li jindika sena ta' ħolqien ta' impriża – Evokazzjoni, minħabba l-anzjanità ta' dik is-sena, ta' know-how għal żmien twil li jagħti lill-prodott ikkonċernat garanzija ta' kwalità u dehra ta' prestiġju – Indikazzjoni qarrieqa dwar il-karatteristiċi tal-prodott"

Fil-Kawża C-412/24,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza), permezz ta' deċiżjoni tal-5 ta' Ġunju 2024, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-10 ta' Ġunju 2024, fil-proċedura

Fauré Le Page Maroquinier SAS,

Fauré Le Page Paris SAS

vs

Goyard ST-Honoré SAS

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn C. Lycourgos, President tal-Awla, O. Spineanu-Matei, S. Rodin (Relatur), N. Piçarra u N. Fenger, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Emiliou,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Fauré Le Page Maroquinier SAS u Fauré Le Page Paris SAS, minn E. de Lamaze, avukat,

– għal Goyard ST-Honoré SAS, minn M. Le Guerer, avukat,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

– għall-Gvern Franċiż, minn B. Dourthe, T. Stéhelin u E. Timmermans, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn C. Auvret u P. Němečková, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2025,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1)(g) tad-Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 biex jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU 2008, L 299, p. 25).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn minn naħa, Fauré Le Page Maroquinier SAS u Fauré Le Page Paris SAS, u min-naħa l-oħra, Goyard ST-Honoré SAS dwar il-validità ta' żewġ trade marks nazzjonali li tagħhom hija proprjetarja Fauré le Page Paris, minħabba n-natura allegatament qarrieqa tagħhom.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Id-direttiva ma għadhiex fis-seħħ u ġiet issostitwita, b'effett mill-15 ta' Jannar 2019, bid-Direttiva (UE) 2015/2436 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU 2015, L 336, p. 1, rettifika fil-ĠU L, 2025/90766). Madankollu, fid-dawl tad-data tal-fatti tal-kawża prinċipali, id-Direttiva 2008/95 tibqa' applikabbli għal din tal-aħħar.

4 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/95, intitolat "Raġunijiet għal rifjut jew nullità", jipprovdi, fil-paragrafu 1(g) tiegħu:

"Is-segwenti m'għandhomx jiġu reġistrati jew, jekk jiġu reġistrati, għandhom ikunu suxxettibbli għal dikjarazzjoni ta' nullità:

[…]

(g) trade marks li jkunu ta' tali natura li jqarrqu l-pubbliku, per eżempju dwar in-natura, kwalità jew oriġini ġeografika tal-merkanzija jew servizz".

Id-dritt Franċiż

5 L-Artikolu L.711-3(c) tal-code de la propriété intellectuelle (il-Kodiċi tal-Proprjetà Intellettwali), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali, jipprovdi:

"Ebda sinjal ma jista' jiġi adottat bħala trade mark jew element ta' trade mark li jkun:

[…]

c) ta' natura li jqarraq bil-pubbliku, b'mod partikolari dwar in-natura, il-kwalità jew l-oriġini ġeografika tal-prodott jew tas-servizz."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

6 Il-kumpannija rregolata mid-dritt Franċiż Maison Fauré Le Page, li mis-sena 1716 f'Pariġi (Franza) kienet teżerċita attività ta' xiri u ta' bejgħ ta' armi, ta' munizzjon u ta' aċċessorji tal-ġilda, ġiet xolta fis-27 ta' Novembru 1992, li wassal għat-trasferiment tal-assi tagħha lill-uniku azzjonist tagħha, il-kumpannija Saillard.

7 Fauré Le Page Paris hija kumpannija rregolata mid-dritt Franċiż irreġistrata fir-Reġistru tal-Kummerċ u tal-Kumpanniji ta' Pariġi mill-14 ta' Ottubru 2009. Fid-29 ta' Ottubru 2009, hija akkwistat mingħand Saillard, it-trade mark Franċiża "Fauré Le Page", ippreżentata minn din il-kumpannija fil-5 ta' Ġunju 1989 sabiex tindika, b'mod partikolari, l-"armi b'xafra; armi tan-nar u l-partijiet tagħhom; munizzjon u projettili; splussivi; għajnuna għall-isparar; kaxxi tal-munizzjon; ġilda u imitazzjoni tal-ġilda; bagolli u bagalji".

8 Fis-17 ta' Ġunju 2011, Fauré Le Page Paris ippreżentat żewġ trade marks Franċiżi li jinkludu l-kliem "Fauré Le Page Paris 1717" sabiex tindika, b'mod partikolari, il-prodotti "ġilda u imitazzjoni tal-ġilda; bagolli u bagalji; basktijiet tal-ivvjaġġar; basktijiet tal-idejn".

9 Fis-26 ta' Ottubru 2012, Goyard ST-Honoré, kumpannija rregolata mid-dritt Franċiż li timmanifattura u tikkummerċjalizza oġġetti tal-ivvjaġġar u tal-ġilda, ħarrket lill-kumpanniji Fauré Le Page Paris u Fauré Le Page Maroquinier (iktar 'il quddiem, flimkien, il-"kumpanniji Fauré Le Page"), din tal-aħħar fil-kwalità tagħha ta' operatur tat-trade marks "Fauré Le Page Paris 1717", sabiex tikseb l-annullament ta' dawn it-trade marks minħabba n-natura allegatament qarrieqa tagħhom.

10 Permezz ta' sentenza tal-4 ta' Ottubru 2016, il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi, Franza) ċaħdet l-appell ippreżentat mill-kumpannija Goyard ST-Honoré kontra s-sentenza tal-ewwel istanza li kienet ċaħdet it-talbiet tagħha.

11 Permezz ta' sentenza tas-27 ta' Ġunju 2018, il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza) bidlet u annullat din is-sentenza.

12 Permezz ta' sentenza tat-23 ta' Novembru 2021, mogħtija fuq rinviju tal-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni), il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi) iddikjarat li t-trade marks ikkontestati kienu invalidi minħabba riskju gravi ta' qerq tal-konsumatur.

13 F'din is-sentenza, il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi) qieset li t-termini "Paris 1717", li jinsabu fit-trade marks ikkontestati, kienu jevokaw il-post u d-data tal-ħolqien tal-kumpannija Maison Fauré Le Page u kienu ta' natura li jwasslu lill-pubbliku jemmen li kien hemm kontinwità tal-operat sa mis-sena 1717 kif ukoll trażmissjoni tan-know-how tal-impriża oriġinali lil Fauré Le Page Paris, li kien jikkostitwixxi, f'moħħ il-pubbliku kkonċernat, garanzija ta' kwalità tal-prodotti indikati minn dawn it-trade marks. Barra minn hekk, din il-qorti rrilevat li l-kumpannija Maison Fauré Le Page kienet waqqfet l-attività tagħha ta' xiri u ta' bejgħ ta' armi, ta' munizzjon u ta' aċċessorji fl-1992, b'tali mod li l-kumpannija Fauré Le Page Paris, kumpannija maħluqa fl-2009, ma kinitx kompliet l-attività tal-impriża oriġinali. L-imsemmija qorti żiedet li, għall-konsumatur medju ta' oġġetti tal-ġilda ta' lussu, bħal dawk ikkummerċjalizzati mill-kumpanniji Fauré Le Page, l-implimentazzjoni ta' know-how antik ħafna kienet tikkostitwixxi element determinanti tad-deċiżjoni ta' xiri tagħha.

14 Il-kumpanniji Fauré Le Page appellaw minn din is-sentenza quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni), li hija l-qorti tar-rinviju.

15 Quddiem dik il-qorti, il-kumpanniji Fauré Le Page jsostnu b'mod partikolari li, sabiex trade mark titqies qarrieqa, hija għandha tkun ta' natura li tqarraq bil-konsumatur fuq il-karatteristiċi tal-prodotti jew tas-servizzi indikati minn din it-trade mark, u mhux fuq dawk tal-proprjetarju tagħha. Issa, it-trade marks ikkontestati ma jiddeskrivu ebda karatteristika speċifika tal-oġġetti tal-ġilda indikati minn dawn it-trade marks, billi jillimitaw ruħhom, l-iktar l-iktar, li jagħtu idea ġenerali ta' kwalità, b'tali mod li ma jistgħux jitqiesu li huma qarrieqa, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(g) tad-Direttiva 2008/95, traspost fid-dritt Franċiż mill-Artikolu L-711-3(c) tal-Kodiċi tal-Proprjetà Intellettwali.

16 Il-qorti tar-rinviju tqis li l-interpretazzjoni adottata mill-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi), li tipprovdi li huwa qarrieq li tikkomunika, permezz ta' trade mark, informazzjoni falza dwar l-impriża li tikkummerċjalizza l-prodotti jew servizzi indikati minn din it-trade mark, li minnha l-konsumatur medju jiddeduċi li dawn il-prodotti jew servizzi jgawdu minn kwalità jew minn prestiġju partikolari, tista' tkun kompatibbli mal-Artikolu 3(1)(g) tad-Direttiva 2008/95.

17 Barra minn hekk, skont dik il-qorti, in-natura qarrieqa ta' trade mark ma hijiex limitata għal messaġġ qarrieqi li jikkonċerna biss il-karatteristiċi tal-prodotti jew tas-servizzi koperti minn din it-trade mark, iżda jista' jirriżulta wkoll minn karatteristiċi proprji tal-impriża proprjetarja tat-trade mark, b'mod partikolari l-anzjanità tagħha, peress li l-konsumatur jista' jiddeduċi mill-informazzjoni żbaljata hekk ikkomunikata li l-prodott li għandu l-imsemmija trade mark għandu ċerti kwalitajiet jew igawdi minn ċertu prestiġju, li jista' jinfluwenza d-deċiżjoni ta' xiri tiegħu.

18 F'dak ir-rigward, hija tfakkar li, skont is-sentenza tat-23 ta' April 2009, Copad (C-59/08, EU:C:2009:260, punti 24 sa 26), il-kwalità tal-prodotti ta' lussu għandha tiġi evalwata mhux biss fid-dawl tal-karatteristiċi materjali tagħhom, iżda wkoll billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-attrazzjoni u d-dehra ta' prestiġju li jagħtuhom awra ta' lussu.

19 Barra minn hekk, filwaqt li tirrikonoxxi li s-sentenza tat-30 ta' Marzu 2006, Emanuel (C-259/04, EU:C:2006:215), tista' tiġi interpretata fis-sens li trade mark ma hijiex ta' natura li tqarraq bil-pubbliku jekk l-informazzjoni allegatament falza li hija twassal tikkonċerna l-impriża li timmanifattura l-prodotti u mhux il-prodotti nnifishom, il-qorti tar-rinviju tirrileva li din

is-sentenza kienet tirrigwarda l-ipoteżi partikolari ta' trade mark ikkostitwita mill-isem ta' disinjatur, b'tali mod li l-kunsiderazzjonijiet esposti mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-imsemmija sentenza ma jistgħux neċessarjament jiġu estiżi lil hinn miċ-ċirkustanzi partikolari ta' dik il-kawża.

20 Skont il-qorti tar-rinviju, mill-evalwazzjonijiet tal-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi) jirriżulta li l-prodotti kkummerċjalizzati mill-kumpanniji Fauré Le Page jaqgħu taħt is-settur tal-ġilda ta' lussu, li t-trade marks ikkontestati huma pperċepiti mill-pubbliku rilevanti bħala li jinvokaw b'mod żbaljat, għall-proprjetarju tagħhom, anzjanità ta' diversi sekli f'dan is-settur u li l-informazzjoni żbaljata hekk mogħtija tista' tinfluwenza d-deċiżjoni ta' xiri tal-konsumaturi tal-prodotti indikati minn waħda minn dawn it-trade marks, peress li l-konsumaturi ta' oġġetti tal-ġilda ta' lussu jagħtu importanza partikolari lill-istorja u lill-anzjanità tal-impriża li tikkummerċjalizzahom u minn dan jiddeduċu li dawn l-artikoli jgawdu minn kwalità jew prestiġju partikolari.

21 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) L-Artikolu 3(1)(g) tad-[Direttiva 2008/95/KE] għandu jiġi interpretat fis-sens li r-riferiment għal data ta' fantażija fi trade mark li tipprovdi informazzjoni falza dwar l-anzjanità, il-ġenwinità u n-know-how tal-manifattur tal-prodotti u, għaldaqstant, dwar waħda mill-karatteristiċi mhux materjali tal-imsemmija prodotti, jippermetti li tiġi kkonstata l-eżistenza ta' qerq effettiv jew riskju suffiċjentement serju ta' qerq bil-konsumatur?

(2) Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, dan l-artikolu għandu jiġi interpretat fis-sens:
   a) li trade mark tista' titqies qarrieqa meta jkun hemm probabbiltà li l-konsumatur tal-prodotti u tas-servizzi indikati mit-trade mark jemmen li l-proprjetarju ta' din it-trade mark ikollu sekli ta' esperjenza fil-produzzjoni ta' dawn il-prodotti, b'mod li jagħtihom dehra ta' prestiġju, meta dan ma jkunx il-każ[;]
   b) li, sabiex tiġi aċċettata l-eżistenza ta' qerq effettiv jew ta' riskju suffiċjentement serju ta' qerq bil-konsumatur, li fuqha tiddependi l-konstatazzjoni tan-natura qarrieqa ta' trade mark, huwa meħtieġ li t-trade mark tkun tikkostitwixxi deskrizzjoni suffiċjentement speċifika tal-karatteristiċi potenzjali tal-prodotti u tas-servizzi li għalihom hija tkun irreġistrata, b'mod li l-konsumatur ikkonċernat jitwassal sabiex jemmen li l-prodotti u s-servizzi jkollhom ċerti karatteristiċi, li fil-verità huma ma jkollhomx?"

Fuq id-domandi preliminari

22 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 3(1)(g) tad-Direttiva 2008/95 għandux jiġi interpretat fis-sens li, meta trade mark tinkludi numru li huwa ta' natura li jiġi pperċepit mill-pubbliku rilevanti bħala li jindika sena ta' ħolqien ta' impriża u tinvoka, minħabba l-fatt li din is-sena hija antika, know-how għal żmien twil li jagħti garanzija ta' kwalità u dehra ta' prestiġju lill-prodotti li għalihom it-trade mark hija rreġistrata, minkejja li know-how ta' tali portata *ratione temporis* ma jeżistix, minn dan jista' jiġi dedott li din it-trade mark hija ta' natura li tqarraq bil-pubbliku, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

23 Skont l-Artikolu 3(1)(g) tad-Direttiva 2008/95, għandha tiġi rrifjutata r-reġistrazzjoni tat-trade marks jew jistgħu jiġu ddikjarati invalidi, jekk tali trade marks ikunu rreġistrati, trade marks li jkunu ta' natura li jqarrqu bil-pubbliku, pereżempju, fir-rigward tan-natura, tal-kwalità jew tal-oriġini ġeografika tal-prodott jew tas-servizz.

24 Għandu jitfakkar li, sabiex ikun jista' jiġi kkonstatat, konformement ma' din id-dispożizzjoni, li trade mark ġiet irreġistrata bi ksur tar-raġuni għal rifjut minħabba r-riskju ta' qerq, għandu jiġi stabbilit li s-sinjal ippreżentat għall-finijiet tar-reġistrazzjoni bħala trade mark minnu nnifsu joħloq tali riskju, fejn il-ġestjoni ulterjuri tal-imsemmija trade mark hija irrilevanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2017, W. F. Gözze Frottierweberei u Gözze, C-689/15, EU:C:2017:434, punti 55 u 56).

25 Għaldaqstant, l-invalidità skont l-imsemmija dispożizzjoni tippresupponi li hija kkonstata, fuq il-bażi tać-ċirkostanzi tal-każ, l-eżistenza ta' qerq effettiv jew ta' riskju suffiċjentement serju ta' qerq tal-pubbliku (ara, f'dan is-sens, sentenzi tat-30 ta' Marzu 2006, Emanuel, C-259/04, EU:C:2006:215, punt 47, kif ukoll tat-8 ta' Ġunju 2017, W. F. Gözze Frottierweberei u Gözze, C-689/15, EU:C:2017:434, punt 54).

26 Kif indika l-Avukat Ġenerali, essenzjalment, fil-punti 33 sa 41 tal-konklużjonijiet tiegħu, u kif jirriżulta kemm mill-formulazzjoni tal-Artikolu 3(1)(g) tad-Direttiva 2008/95, li jinkludi lista illustrattiva ta' karatteristiċi ta' prodotti jew ta' servizzi, kif ukoll mill-għan ta' din id-dispożizzjoni, li jikkonsisti fl-immirar ta' qerq intrinsiku fis-sinjal irreġistrat bħala trade mark jew ippreżentat għal dan l-għan, il-konstatazzjoni li tgħid li trade mark hija "ta' natura li tqarraq bil-pubbliku", fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, għandha tkun ibbażata fuq qerq meta mqabbel ma' karatteristika tal-prodotti jew tas-servizzi indikati minn din it-trade mark. Għaldaqstant, ir-raġuni għal rifjut ta' reġistrazzjoni u ta' invalidità stabbilita fl-Artikolu 3(1)(g) tad-Direttiva 2008/95 ma tistax tiġi applikata, b'mod partikolari, f'każijiet fejn it-trade mark inkwistjoni hija ta' natura li tqarraq bil-pubbliku fir-rigward ta' karatteristika tal-proprjetarju tagħha u mhux fir-rigward ta' karatteristika tal-prodotti jew tas-servizzi li hija tindika.

27 F'dan il-każ, għalkemm, kif jirriżulta mill-punt 13 ta' din is-sentenza, il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi) qieset li sinjal li jassoċja sena ma' belt jista' jevoka, f'moħħ il-pubbliku rilevanti, id-data u l-post ta' ħolqien tal-proprjetarju tat-trade mark, dawn iż-żewġ elementi ma jikkostitwixxux, bħala tali, karatteristiċi tal-prodotti kkummerċjalizzati mill-kumpanniji Fauré Le Page.

28 Madankollu, kif jirriżulta mill-punt 20 ta' din is-sentenza, dik il-qorti qieset ukoll li dawn il-prodotti jaqgħu taħt is-settur tal-ġilda ta' lussu, li t-trade marks ikkontestati huma pperċepiti mill-pubbliku rilevanti bħala li jinvokaw b'mod żbaljat, għall-proprjetarju tagħhom, anzjanità ta' diversi sekli f'dan is-settur u li l-informazzjoni żbaljata hekk mogħtija tista' tinfluwenza d-deċiżjoni ta' xiri tal-konsumaturi tal-prodotti li għandhom waħda minn dawn it-trade marks, peress li l-konsumaturi ta' oġġetti tal-ġilda ta' lussu jagħtu importanza lill-istorja u lill-anzjanità tal-impriża li tikkummerċjalizzahom u minn dan jiddeduċu li dawn l-oġġetti jgawdu minn kwalità u prestiġju partikolari.

29 Issa, kif osserva l-Avukat Ġenerali, essenzjalment, fil-punt 43 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-inklużjoni, fi trade mark, ta' numru li huwa pperċepit mill-pubbliku rilevanti bħala sena ta' ħolqien ta' impriża tista', jekk ikun il-każ, tevoka know-how partikolari, garanzija ta' kwalità tal-prodott indikat minn din it-trade mark u tikkontribwixxi sabiex tagħtih dehra ta' prestiġju. Peress li l-kwalità tal-prodott hija waħda mill-karatteristiċi msemmija bħala eżempju

fl-Artikolu 3(1)(g) tad-Direttiva 2008/95 u din il-kwalità tista', fil-qasam tal-oġġetti ta' lussu, tirriżulta wkoll mill-attrazzjoni u mid-dehra ta' prestiġju tal-prodott (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' April 2009, Copad, C-59/08, EU:C:2009:260, punt 24), l-eżistenza ta' qerq effettiv jew ta' riskju suffiċjentement serju ta' qerq tal-pubbliku, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, tista' tiġi kkonstatata meta n-know-how ta' tali portata *ratione temporis* u, għaldaqstant, il-garanzija ta' kwalità u d-dehra ta' prestiġju assoċjati miegħu jew li jirriżultaw minnu ma jeżistux.

30 Hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, jekk in-numru msemmi fit-trade marks li l-annullament tagħhom huwa mitlub huwiex ipperċepit mill-pubbliku rilevanti bħala sena ta' ħolqien ta' impriża u jevoka know-how partikolari, bħal know-how għal żmien twil, li jagħti garanzija ta' kwalità u dehra ta' prestiġju lill-prodott li għalih it-trade mark hija rreġistrata. F'dan il-kuntest, il-qorti nazzjonali għandha teżamina kull waħda mit-trade marks kollha kemm huma billi tieħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-preżenza fihom, minbarra n-numru 1717, tal-kelma "Paris" kif ukoll il-messaġġ li huma jittrażmettu f'moħħ il-pubbliku rilevanti.

31 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 3(1)(g) tad-Direttiva 2008/95 għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta trade mark tinkludi numru li huwa ta' natura li jiġi pperċepit mill-pubbliku rilevanti bħala li jindika sena ta' ħolqien ta' impriża u tinvoka, minħabba l-fatt li din is-sena hija antika, know-how għal żmien twil li jagħti garanzija ta' kwalità u dehra ta' prestiġju lill-prodotti li għalihom it-trade mark hija rreġistrata, minkejja li know-how ta' tali portata *ratione temporis* ma jeżistix, minn dan jista' jiġi dedott li din it-trade mark hija ta' natura li tqarraq bil-pubbliku, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

Fuq l-ispejjeż

32 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 3(1)(g) tad-Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 biex jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-trade marks

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

meta trade mark tinkludi numru li huwa ta' natura li jiġi pperċepit mill-pubbliku rilevanti bħala li jindika sena ta' ħolqien ta' impriża u tinvoka, minħabba l-fatt li din is-sena hija antika, know-how għal żmien twil li jagħti garanzija ta' kwalità u dehra ta' prestiġju lill-prodotti li għalihom it-trade mark hija rreġistrata, minkejja li know-how ta' tali portata *ratione temporis* ma jeżistix, minn dan jista' jiġi dedott li din it-trade mark hija ta' natura li tqarraq bil-pubbliku, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

Firem